MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U GVERN LOKALI MINISTRY OF JUSTICE AND LOCAL GOVERNMENT

MALTA

*Dipartiment tal-Kunsilli Lokali* *Local Councils Department*

LCD 1/2001
LCD 13/1994/VI

2 ta' Marzu 2001

Memo 12/2001

Lis-Segretarji Eżekuttivi (Konċernati)
Kunsilli Lokali

ELEZZJONIJIET KUNSILLI LOKALI (Marzu 2001)
IĊ - ĊERIMONJA TAL - ĠURAMENT TAL-ĦATRA

Iċ-ċerimonja għall-Ġurament tal-Ħatra (*Swearing - In Ceremony*) ta' Kunsillieri eletti fl-elezzjonijiet ta' l-10 ta' Marzu 2001, sejra ssir fil-preżenza tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Kastilja fis-Sala ta' l-Ambaxxaturi , nhar il - Ħamis, 29 ta' Marzu 2001 kif jidher fil-programm mehmuż.

Waqt li nirreferikom għall-Memo Numru 7/2001 bid-data tat - 22 ta' Jannar 2001, nixtieq infakkar lis-Segretarji Eżekuttivi koncernati kollha li :-

(a) Il-Kunsillieri jistgħu jaħilfu (*swear*) jew jaffermaw (*affirm*) ;

(b) Is-Segretarji Eżekuttivi huma responsabbli biex jippreparaw 4 kopji tal-ġurament meħtieġa kif speċifikat fil - Memo 7/2001 maħruġa minn dan id-Dipartiment.

GĦALHEKK MIN JIXTIEQ JIBGĦAT *SAMPLE* LID - DIPARTIMENT GĦALL-VERIFIKA, jekk mhux diġa bgħatu, JISTA' JAGĦMEL DAN.

(F'dan il-każ, is-*sample* għandu jintbgħat lis - sur Alfred Armeni fuq Fax: 239911)

(c) Dan id-Dipartiment għandu jiġi nfurmat sa mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu 2001 bid-dettalji kollha meħtieġa dwar Kunsillieri fil-formola speċifika li ntbagħtet lis-Segretarji ma' Memo 7/2001 (fil-Ġabra ta' Proċeduri ) ;

Dalwaqt bil-posta sejjer nibgħatilkom lista (bl-indirizz, I.D. etċ. ) tal-kandidati nominati għall - Kunsill Lokali rispettiv.

(d) Is-Segretarji jridu jakkumpanjaw il-Kunsillieri waqt iċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra u għandhom jiftakru biex iġibu magħhom il-formoli tal-Ġurament ( mhux iffirmati ) ;

(e) Il-Kunsillieri għandhom jitilgħu biex jieħdu l-ġurament :-

(i) f' sekwenza ta' lokalita' - fl-ordni li jidhru fiha fit-tabelli (A) u (B) li ġejjin; u

(ii) f' sekwenza bħala Kunsillier fl-ordni ( li ġew eletti) skond in-Notifika maħruġa mill-Kummissarju Elettorali fil-Gazzetta tal-Gvern.

Din il-lista tiġi mogħtija lilkom aktar tard.

Għall-konvenjenza tas-Segretarji involuti, id-Dipartiment sejjer jorganizza *Briefing (Mock Session)* taċ-ċerimonja tal-Ġurament tal-Ħatra fis-Sala ta' l-Ambaxxaturi, Kastilja nhar il - Hamis, 22 ta' Marzu 2001 fit-3.00 ta' wara nofs in-nhar. Huwa essenzjali li s-Segretarji kollha jattendu għal din il-*Briefing*. Il-Kunsillieri, naturalment, m' għandhomx jattendu għal din il- *briefing*.

Anthony V. Sammut
Assistent Direttur

cc Is-Segretarju Permanenti, Uffiċċju tal-Prim Ministru
L-Ufficcju tas-Segretarju Permanenti, Gustizzja u Gvern Lokali
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Is-Sur Peter Portelli, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Kastilja
Is-Sur Emanuel Delia, Ministeru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali
Is-Sur Alfred Theuma, Office of Review